# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 365/17 FDP**

**Antonia Belfiore**
**(ID 444766M)**

**vs**

**John Boxall**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 21 ta' Dicembru 2017 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat, prevja dikjarazzjoni li l-allegazzjonijiet, il-kummenti u d-dikjarazzjonijiet li gew pubblikati fil-Performance Bonus Appraisal Form mill-intimat u mxandra mal-membri tal-Kunsill Lokali Birgu, b'referenza diretti ghall-hawnhekk rikorrenti, li huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u kellhom bhala skop dal li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni, il-gieh u l-kredibilita' taghha, jigi ordnat ihallasha dik is-somma li tigi hekk liwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Ittra Ufficjali tal-24 ta' Novembru 2007.

Rat il-"***Performance Bonus Appraisal***" datat 31 ta' Jannar 2017 approvat b'risoluzzjoni tal-Kunsill Lokali nhar il-31 ta'Jannar 2017 fejn, filwaqt illi inghatat performance bonus ta' 6%, fil-pagna Nru 4, hdejn il-punt Nru 4 intitolat "Affidabilita'" hemm miktub is-segwenti:

> *"Mhux affidabbli: Tirraporta li bis-sick u filghaxija tkun tixrob f'xi bar. Tirrapporta li qeghda l-isptar u tkun il-Ministeru"*

Rat illi fl-istess Performance Bonus Appraisal, f'pagna Numru 3, fis-sezzjoni intitolat 'Kummenti generali mis-Sindku" kien hemm il-kliem segwenti:

*"Matul iz-zmien lidin il-persuna damet bhala Segretarja Ezekuttiv, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma' baqax l-ahjar Kunsill fil-Gzejjer Maltin anzi l-kredibilita' tiegu marret 'l isfel. Giden kontinwu, tediet, xejn interess specjalment fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill. Anzi aghar minn hekk lanqas biss kienet tkun prezenti."*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fil-25 ta'Jannar 2018 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

*Illi l-eccipient qed jopponi t-talbiet tar-rikorrenti billi dawn infondati kemm kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*Illi preliminarjament l-eccipient mhux il-legittimu kontradittur f'din il procedura billi fl-ewwel lok hu qatt ma agixxa f'isem tieghu personali imma dejjem bhala sindku tal lokal u fit-tieni lok l-awtur tad-dokument, allegatament inkriminanti, huwa l-istess Kunsill Lokali tal-Birgu billi il-hrug tal 'performance bonus appraisal' huwa obbligu legali impost fuq l-istess Kunsill u ai termini u in linea mal-ligi tal-istampa li ssemmi car u tinkludi l-persuni guridici kollha responsabbli;*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju l-azzjoni tar-rikorrenti hija nieqsa mill-elementi necessari ghas-success taghha ai termini tal-artiklu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju jirrizulta li dak li qed jigi allegat mhuwiex libelluz fil- konfront tar-rikorrenti;*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju il-performance bonus appraisal' huwa obbligu legali li jrid jsir mill-Kunsill;*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju l-attrici kellha rimediji ohra sabiex tilqa' ghal dak allegat minnha u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju il-kitba inkwistjoni ma fiha xejn ingurjuz u m'hemmx 'animus injuriandi' u l-eccipjent la offenda u lanqas ried joffendi lir-rikorrenti imma bi kien qed jaqdi dmiru skont il-ligi;*

*Illi subordinatament u bla pregudizz dak kollu li gie apprezzat fil- performance bonus appraisal huwa kollu verita' u dan ser jigi pprovat waqt it-trattazzioni tal-kawza;*

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2018 sar is-segwenti verbal mir-rikorrenti:

*"Dr Ian Spiteri Bailey gharraf il-Qorti illi r-rikorrenti qieghda ccedi l-meritu tal-kawza filwaqt illi zzomm ferm il-kap tal-ispejjez. Dan in vista tal-fatt illi wara li hija ntavolat il-kawza fil 21-12-2017, hija rceviet performance appraisal form gdida minghajr il-kummenti illi kienet qed thossha malafamata bihom. Din l-appraisal form gdida rcevietha fil 5 ta' Jannar 2018 anke jekk sussegwentement irrizulta illi kienet ittiehdet decizjoni fil-laqgha tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017, liema minuti qatt ma gew a konjizzjoni tar-rikorrenti. Jinghad ulterjorment illi ghall-Ittra legali tal-10 ta' Marzu 2017 u dik ufficjali jew gudizzjarja tal-24 ta' Novembru 2017 hija qatt ma kienet giet mgharrfa illi dawk il-kummenti "malafamanti" kienu se jigu rtirati."*

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Antonia Belfiore** u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita, ossija ittra legali datata 10 ta' Marzu 2017, Ittra Ufficjali datata 24 ta' Novembru 2017, '**Performance Bonus Appraisal**" bla data "approvata b'rizoluzzjoni tal-Kunsill f'Laqgha nhar il-Hamis 30 ta' Novembru tas-sena 2017" fejn, fit-tieni pagna, hdejn il-punt Nru 4 intitolat "Affidabilita'" hemm miktub is-segwenti: *"Mhux affidabbli*" filwaqt illi f'pagna Numru 3, fis-sezzjoni intitolat 'Kummenti generali mis-Sindku" ma hemm xejn miktub - (fol 27) u Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Lokali Birgu mizmuma fit 30 ta' Novembru 2017, fejn f'punt 41.6.6 hemm miktun illi ntqal is-segwenti:

> *"Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rega' rcieva ittra ohra mill-avukat tas-Sinjura Antonia Belfiore rigward l-performance bonus tas-sena 2016. Is-Sinjura Belfiore talbet li jigi rrtirat id-diskors li ntqal fl-performance appraisal u li l-Kunsill japprova l-minimu tal-performance bonus dak ta' 6%. Wara diksussjoni li saret, il-Kunsil qabel unanimament li s-Sinjuri Belfiore tinghata performance bonus ta' 6%. Dwar dan ser jigi nfurmat l-avukat sabiex jinbghat jgharraf lis-Sinjura Belfiore dwar dak deciz."*

Rat l-ittra datata 5 ta' Dicembru 2017 mibghuta mill-Kunsill Lokali Birgu fejn giet mgharrfa illi "*wara li saret laqgha tal-Kunsill gie deciz li l-klijenta tieghek tinghata performance bonus ta' sitta (6%)*" filwaqt illi ebda referenza ma saret ghall-kliem illi r-rikorrenti qieset malafamanti u li kienet talbet li jigu rtirati. (fol 42)

Semghet ix-xhieda ta' **John Boxall** moghtija fl-14 tsa' Mejju 2018.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-14 ta' Mejju 2018.

Rat illi fl-14 ta' Mejju 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti kienet tahdem mal-Kunsill Lokali Birgu bhala Segretarju Ezekuttiv izda inqalghu differenzi bejna u bejn il-Kunsill u eventwalment telqet minn hemm u marret x'imkien iehor.

Jirrizulta illi, fil-Performance Bonus Appraisal form ghall-periodu '1 ta' Jannar 2016 sa 10 ta' Gunju 2016', inghatat il-minimum tal-performance bonus, ossija 6%, u inkitbu kummenti negattivi dwar ix-xoghol taghha.

Jirrizulta illi fost tali kummenti, kien hemm uhud illi r-rikorrenti hassitha malafamata dwarha, u ghalhekk fl-10 ta' Marzu 2017 hija kitbet ufficjalment sabiex titlob lill-Kunsill biex jaghmel *"appraisal form gdida tal-mittenti flimkien ma' l-irtirar inkondizzjonat tad-diskors kollu dispreggjattiv kif hawnfuq premess."* (fol 23-24)

Jirrizulta illi t-talba tar-rikorrenti kienet injorata ghal kollox u ghalhekk, fl-24 ta' Novembru 2017, hija baghtet Ittra Ufficjali fejn interpellat lill-intimat John Boxall sabiex:

> *"a) tghaddi biex tirtira l-kliem hawn msemmija mill-appraisal form tal-mittenti u tara illi dan jingieb ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali u*
>
> *b) tghaddi sabiex fil-kapacita' tieghek ta' Sindku, tassikura illijsir il-hlas tal-performance bonus approvat lill-mittenti, li tajjeb jinghad, illi minkejja d-diskors kollu malafamanti tieghek, akkordajt performance bonus ta' 6%"*

Jirrizulta illi ghal tali Ittra Ufficjali, wara li l-Ittra giet diskussa fil-laqgha tal-Kunsill Loakli tats 30 ta' Novembru 2017, intbghatet ittra legali fil 5 ta' Dicembru 2017 lill-konsulent legali tar-rikorrent fejn itqal is-segwenti:

> *Bil-presenti l-mittenti formalment jinformakhom li wara li saret laqgha tal-Kunsill gie deciz li l-klijenta tieghek tinghata performance bonus ta' sitta (6%).*
>
> *Illi b'din id-decizjoni l-meritu tal-kwistjoni ghandhu jigi kkonsidrat bhala konkluz u ebda azzjoni gudizzjarja da parti tal-klijenta tieghek, f'dan l-istadju, mhux mehtiega u tkun biss dispendju ta' hin u flus bla bzonn.*
>
> *B'hekk il-klijenta tieghek ghanda tiddesisti milli tiehu passi ulterjuri bla bzonn.*

Jirrizulta illi tali ittra ma ghamlet ebda referenza ghall-kliem dispreggjattiv illi dwaru r-rikorrenti hassitha malafamata u li talbet illi jkunu rtirati.

Jirrizulta illi ghalhekk, fil 21 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrenti nediet il-proceduri odjerni ta' malafama.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fil 5 ta' Jannar 2018, il-Kunsill Lokali Birgu bghatt bil-posta (fol 31), il-Performance Bonus Appraisal lir-rikorrenti, illi fiha l-kliem illi hija oggezzjonat dwaru tnehha.

## Ikkunsidrat

L-intimat, fid-difza tieghu, sahaq illi huwa mhux responsabbli ta' dak illi kiteb, stante illi kitibhom fil-kwalita' ta' Sindku u mhux fil-kwalita' personali tieghu. Huwa sahaq ukoll illi l-kawza giet issa rtirata, u ghalhekk r-rikorrenti kellha tbaghti l-ispejjez.

Ir-rikorrenti, mill-banda l-ohra, tinsisti illi l-intimat ma ghandhux joqghod jistahba wara il-fatt illi kiteb li kiteb bhala Sindku u mhux bhalal individwu, u ghalhekk ma kellux ikun personalment responsabbli, filwaqt illi insistiet illi fl-ittra mibghuta lilha fil-5 ta' Dicembru 2017 ma saret ebda referenza ghall-kliem malafamanti li kienu ser jitnehhew.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti, tibda biex tghid illi jidher car illi l-kawza odjerna sehhet ghax il-Kunsill Lokali Birgu irrifjuta illi jirtira l-kliem li intqal fil-konfront tar-rikorrenti u, kemm fil-minuti tal-laqgha tat-30 ta' Novembru 2017 kif ukoll fl-Ittra legali datata 5 ta' Dicembru 2017, ebda referenza ma qatt saret ghall-fatt illi l-kliem li r-rikorrenti kienet qed thossha offiza bihom kienu ser jithennew.

Ghalhekk, fil-21 ta' Dicembru 2017, meta r-rikorrenti intavolat il-kawza odjerna, kienet inkonsapevoli tal-fatt illi l-Kunsill Lokali Birgu kienu ser johorgu Performance Bonus Appraisal Form minghajr il-kummenti, tant illi tali Form intbghatet biss fil 5 ta' Jannar 2018, wara illi kienet gia infethet il-kawza kontra John Boxall.

Dwar l-argument ta' l-intimat illi huwa kien qieghd jagixxi bhala Sindku u mhux bhala individwu, u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju, il-Qorti tosserva illi dana huwa biss loghob bil-kliem u tentattiv da' parte ta' l-intimat illi jahrab mir-responsabbilta' tieghu, ossija

responsabbilta' illi mhux biss jaqdi d-dmirijiet tieghu kif trid il-Ligi, izda anke illi ma joffendix u jimmalafama n-nies taht il-pretest illi huwa s-Sindku u ghandu d-dover jaghmel hekk.

Ir-rispett lejn il-persuni ghandu jigi rispettat dejjem, aktar u aktar minn persuna illi qed igorr il-kariga ufficjali ta' Sindku ta' lokalita', u kull azzjoni illi huwa jaghmel, huwa ghandu jgorr ir-respoinsabbilta' taghha sa l-ahhar, u mhux jipprova jahrab minnha hekk kif jsib xi hadd joggezzjona ghal dak illi ghamel.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz limitatament dwar il-kap tal-ispejjez billi

**Tiddikjara** illi l-intimat ghandu jbaghti l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur